Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1211

25.6.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1211

tat-23 ta' Ġunju 2025

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1054 fir-rigward tas-servizzi governattivi tal-GOVSATCOM

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013, u (UE) Nru 377/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 63(3) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2021/696, il-forniment ta' kapaċitajiet u servizzi mill-komponent tal-komunikazzjonijiet governattivi bis-satellita (il-"GOVSATCOM") għandu jiġi żgurat f'konformità mar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-GOVSATCOM. Whud minn dawk ir-rekwiżiti jistgħu jiġu ssodisfati biss minn servizzi governattivi għall-użu esklużiv ta' Stat Membru u pprovduti minn sistemi taħt il-kontroll tal-Istati Membri. Għalhekk, huwa importanti li l-portafoll tas-servizzi tal-GOVSATCOM jiġi aġġornat biex jiġu ċċarati l-karatteristiċi tas-sistemi li jipprovdu s-servizzi governattivi.

(2) Il-komunikazzjoni bis-satellita hija riżorsa limitata mill-kapaċità, mill-frekwenza, u mill-kopertura ġeografika disponibbli tas-satelliti. Fl-ambitu tal-komponent tal-GOVSATCOM, dawn il-komunikazzjonijiet huma kkombinati bl-użu ta' kapaċitajiet u servizzi ta' komunikazzjoni bis-satellita mqegħdin għall-użu komuni fil-livell tal-Unjoni. L-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2021/696 jipprevedi li tali kapaċitajiet u servizzi jistgħu jiġu pprovduti mill-parteċipanti tal-GOVSATCOM kif imsemmi fl-Artikolu 68 ta' dak ir-Regolament u mill-persuni ġuridiċi debitament akkreditati f'konformità mal-proċedura ta' akkreditazzjoni tas-sigurtà msemmija fl-Artikolu 37 ta' dak ir-Regolament. Fost il-parteċipanti tal-GOVSATCOM, huma biss l-Istati Membri li bħalissa jistgħu jipprovdu servizzi msaħħin u robusti permezz ta' kapaċitajiet governattivi ta' komunikazzjoni bis-satellita taħt il-kontroll tagħhom.

(3) Wara żewġ sejħiet għall-espressjoni ta' interess li ntbagħtu lill-Istati Membri kollha fl-2022 u fl-2024, Franza, il-Greċja, l-Italja, il-Lussemburgu, u Spanja pproponew kapaċitajiet governattivi ta' komunikazzjoni bis-satellita u Ċipru u l-Polonja pproponew infrastruttura terrestri biex jiġu inklużi fil-ġabra komuni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) 2021/696.

(4) Madankollu, peress li Stati Membri oħrajn jistgħu jipproponu soluzzjonijiet governattivi addizzjonali jew jistgħu jiżviluppaw sistemi ġodda fil-futur, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina regolarment il-kapaċitajiet tal-Istati Membri u taġġorna l-portafoll tas-servizzi tal-GOVSATCOM għall-benefiċċju tal-utenti tagħha.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1054 ([2]) tiġi emendata kif xieraq.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat tal-Programm stabbilit bl-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) 2021/696,

([1]) ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1054 tat-30 ta' Mejju 2023 li tistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-portafoll tas-servizzi għas-servizzi ta' Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita offruti mis-sistema stabbilita skont il-Programm Spazjali tal-Unjoni (ĠU L 141, 31.5.2023, p. 49, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/1054/oj).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1054 hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-portafoll tas-servizzi tal-GOVSATCOM għandu jikkonsisti mill-kategoriji li ġejjin ta' servizzi ta' komunikazzjoni governattiva jew mhux governattiva:";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Is-sistema li tforni s-servizzi governattivi għandha tkun tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) tkun ikkontrollata minn Stat Membru, li jkun hu li jiddeċiedi dwar il-karatteristiċi ewlenin tagħha, jissorvelja l-użu tagħha, u jiddetermina min jagħmel użu minnha;

(b) is-servizzi governattivi jkunu mmirati biss għall-użu ta' Stat Membru jew ta' awtorità ta' Stat Membru;

(c) is-servizzi governattivi fil-ġabra komuni tal-Unjoni jkunu jissodisfaw l-attributi stabbiliti fl-Anness II għas-servizzi mqegħdin għall-użu komuni mtejbin u robusti.";

2. jiddaħħal l-Artikolu 6 a li ġej:

"*Artikolu 6a*

Rieżami tal-kapaċitajiet u tal-infrastruttura tal-Istati Membri

1. Filwaqt li jqisu l-monitoraġġ tal-provvista u tad-domanda għall-GOVSATCOM imsemmi fl-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) 2021/696, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, meta titlobhom hi jew meta jitlob dan Stat Membru ieħor, u fi żmien xahrejn minn dik it-talba, jekk ikunux jaqblu li jikkondividu l-kapaċitajiet jew l-infrastruttura terrestri fil-qafas tal-GOVSATCOM.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-kapaċitajiet jew l-infrastruttura terrestri msemmijin fil-paragrafu 1 fi żmien sitt xhur wara li tirċievi tweġiba mingħand Stat Membru u, fejn ikun meħtieġ, tipproċedi bil-proċeduri tal-akkwist."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN